**JUNIOR LYCEUMS**

# ANNUAL EXAMINATIONS 2001

**Educational Assessment Unit - Education Division**

**FORM 3** **RELIGION** **Time: 1½hours**

**Name__________________________________ Class___________________**

**L-EWWEL SEZZJONI**

**Wieġeb fil-qosor dawn il-mistoqsijiet:**

1. **Min deher ma' Ġesù fit-Transfigurazzjoni?**

2. **Min hu l-għalliem ewlieni li jmexxina fit-triq tal-ħajja?**

3. **Kif tippreżenta ruħha lilna t-tentazzjoni?**

4. **Xi jrid jgħidilna Alla fl-ewwel Kmandament?**

5. **X'inhu d-dagħa?**

6. **Liema hi t-talba li għallimna Ġesù?**

7. **Lilna l-insara minn fejn jagħrfuna li aħna dixxipli ta' Ġesù?**

8. **Liema hi t-talba ta' San Franġisk li tgħinna nirriflettu fuq l-imġieba tagħna lejn l-oħrajn?**

9. **Semmi żewġ personaġġi fl-Antik Testment li kellhom ħbiberija kbira lejn xulxin.**

10. **Kif irid ikollna ideat ġenwini u mibnijin fis-sod dwar is-sess u s-sesswalità?**

11. **X'ried ifisser Alla bil-kliem li nsibu fil-ktieb tal-Ġenesi, "Nisslu u oktru u imlew l-art"?**

12. **X'inhi l-Ġenna?**

13. **Liema huma l-allat ta' żmienna?**

14. **Għal xiex baqgħet imsemmija Madre Tereża?**

15. **Għaliex ġurament falz hu nsult lil Alla?**

**(30 marka)**

**IT-TIENI SEZZJONI**

**Qabbel dawn is-siltiet billi tniżżel in-numru fejn suppost:**

| | | |
|---|---|---|
| 1. Jekk int Bin Alla | | skond ix-xbieha tiegħu |
| 2. Dak li trid li ħaddieħor jagħmillek | | bħal ma ħabbejtkom jien |
| 3. Dan hu Ibni l-maħbub | | ordna li dan il-ġebel isir ħobż |
| 4. Min iweġġah lil ommu | | ħabbna l-Missier |
| 5. Alla ħalaq il-bniedem | | permezz ta' ġisimkom |
| 6. Il-ġisem mhux qiegħed għaż-żina | | agħmlu int lil ħaddieħor |
| 7. Ħobbu lil xulxin | | isimgħu lilu |
| 8. Agħtu ġieh lil Alla | | warrab minn dan il-kalċi |
| 9. Ara b'liema għożża | | imma għal Mulej |
| 10. Missier jekk inti trid | | qisu qed jiġma' f'teżor |

**(10 marki)**

**IT-TIELET SEZZJONI**

**Imla din it-Tisliba:**



1. **Liġijiet mogħtija lilna minn Alla permezz ta' Mosè.**
2. **F'dan l-aħħar ktieb tal-Bibbja nsibu bosta siltiet dwar il-Ġenna.**
3. **Meta darba dan l-appostlu kien se jegħreq beda jgħajjat u jgħid, "Salvani Mulej".**
4. **F'din il-ġrajja niżel l-Ispirtu s-Santu fuq l-appostli.**
5. **F'dan l-ewwel ktieb tal-Bibbja nsibu kif għandha tkun il-relazzjoni tal-mara u r-raġel fiż-żwieġ.**
6. **Ir-raħal fejn trabba Ġesù.**
7. **Alla hu s-sid ta' dan.**
8. **Dan iż-żagħżugħ baqa msemmi fil-Bibbja għar-rispett li dejjem wera lejn missieru.**

**(8 marki)**

---

## IR-RABA' SEZZJONI

**Fuq karta separata ikteb f'mhux inqas minn 30 kelma fuq TNEJN minn dawn is-suġġetti:**

1. **L-Okkult**
2. **It-Talb**
3. **Il-Kuxjenza**

**(12-il marka)**

---

## IL-ĦAMES SEZZJONI

**Fuq karta separata wieġeb fit-tul għal TNEJN minn dawn il-mistoqsijiet li ġejjin:**

1. **Ġesù wriena li aktar mill-ġustizzja, irridu nimxu bl-imħabba.**
a) **Uri permezz ta' erba' eżempji kif Ġesù ma mexiex biss bil-ġustizzja iżda bl-imħabba kbira lejn il-proxxmu.**
b) **San Franġisk jgħallimna hekk dwar l-imħabba lejn l-oħrajn:**
   (i) **'Fejn hemm il-mibegħda, ħallini nħeġġeġ l-imħabba'.**
   (ii) **'Fejn hemm il-ħtija, ħallini nferrex il-maħfra'.**
**Spejga kif inti tista' timxi fuq dawn il-pariri fir-relazzjonijiet tiegħek ma' l-oħrajn.**
c) **Agħti żewġ raġunijiet għaliex għandna nirrispettaw lil xulxin.**

2. **Ħbiberija vera tinbena fuq is-sinċerità.**
a) **Għid kif għandha tkun ħbiberija sinċiera.**
b) **Għal Ġesù Lazzru u ħutu Marta u Marija kienu ħbieb tal-qalb. Ġesù kif ġab ruħu ma' dawn it-tlett aħwa?**
c) **Għid kif Ġesù bena ħbiberija sinċiera u qawwija ma' l-Appostli tiegħu?**

3. **Ir-Raba' Kmandament iħeġġiġna biex nirrispettaw il-ġenituri tagħna.**
a) **Xi tfisser tobdi u tirrispetta lill-ġenituri tiegħek?**
b) **X'tagħlima tagħtina l-imġieba ta' Ġesù meta l-ġenituri tiegħu Marija u Ġużeppi sabuh fit-Tempju?**

**c) Għaliex huwa mportanti li noqgħodu fuq il-pariri tajba tal-ġenituri tagħna?**

**(40 marka)**